**22 ta' Novembru, 1958**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Anthony Vella

**Provi — Ammissjoni tal-Imputat — Traffiku — Passiġġieri — Reġ. 145 tar-Regolamenti tat-Traffiku.**

*In teżi ġenerali, in-notamenti li jagħmel il-Maġistrat fis-sens illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni hija l-aqwa prova ta' dik l-ammissjoni; u meta l-imputat jammetti l-imputazzjoni, il-Qorti mhix obligata twissieh u tagħtieh żmien biex, jekk trid, jirtira dik l-ammissjoni; għax id-dispożizzjoni tal-liġi dwar daqshekk hija applikabbli biss għall-Qorti Kriminali sedenti b'ġuri.*

*Imma, in linea ta' massima, stante li l-ammissjoni hi ammissjoni tal-imputazzjoni, hu konsiljabbli li, meta din tkun kwalifikata, id-difensur għandu jikkontesta l-imputazzjoni; għaliex iċ-ċirkustanzi kostitwenti l-kwalifika tal-ammissjoni jammontaw għal kontestazzjoni tal-imputazzjoni, u mhux għal ammissjoni.*

*Gżaldaqstant, ladarba l-provi juru li l-imputat ma tax lid-difensur tiegħu l-inkarigu li jammetti quddiem il-Maġistrat, anzi verament tah l-inkarigu li jikkontesta, u d-difensur bi żball jammetti l-imputazzjoni, fl-appell l-imputat għandu jiġi ammess jagħmel il-provi tiegħu, u dawn għandhom jiġu valjati; għaliex fiċ-ċirkustanzi tal-każ ma toriġinax mis-supposta ammissjoni dik il-prova sħieħa li normalment toriġina.*

*Ir-Regolamenti tat-Traffiku jiddisponu illi tant id-driver ta' motor omnibus, kemm il-konduttur, huma responsabbli jekk fil-motor omnibus jitilgħu passiġġieri aktar minn numru preskritt. U dawn il-kliem statutorji ma tantx jiddher li jippermettu l-ġustifikazzjoni tal-injoranza jew żball ta' fatt.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta kontra l-imputat, talli l-Ħamrun, fl-20 ta' Settembru 1958, f'xi d-9.05 p.m., waqt li kien jaħdem fix-char-a-banc 1421, għabba numru ta' passiġġieri aktar milli għandu stabbilit mil-liġi, u għaldaqstant il-Prosekuzzjoni talbet is-sospensjoni tal-liċenza tax-char-a-banc tiegħu 1421;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-7 ta' Ottubru 1958, li biha ġie kundannat £1 ammenda u s-sospensjoni tal-liċenza tax-char-a-banc għal tmien tijiem;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella, u talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, u li hu jiġi liberat;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Is-sentenza issa appellata kienet bażata fuq l-ammissjoni tal-imputat, li ġiet debitament rikordata fol. 2. L-istess ammissjoni hi msemmija fil-korp tas-sentenza;

Għalhekk il-Qorti għandha teżamina, qabel xejn, il-pont jekk, fil-każ in ispeċje, il-konfessjoni hijiex ta' ostakolu li jiġu valjati l-provi li issa, f'din is-sedi, ġieb l-imputat;

In teżi ġenerali, din il-Qorti, kif ppresjeduta, tirijaffema l-prinċipju ġa minnha, kif similment presjeduta, enunċjat fil-kawża "Pulizija vs. Giuseppe Livori", deċiża fis-16 ta' Ottubru 1937. Iżda dan il-każ hu distingwibbli minn dak ċitat, għaliex hawn l-imputat qiegħed jallega li hu ma riedx jagħmel dik l-ammissjoni, li qiegħed jgħid li saret b'malintiż tal-prokuratur legali li kien inkarigat biex jiddefendieh. U appuntu fis-sentenza ċitata hemm dawn il-kliem:— "Fit-trattazzjoni li saret quddiem din il-Qorti l-imputat ma allega ebda motiv li jista' jirrendi inattendibbli dik il-konfessjoni, bħal, per eżempju, dak li l-konfessjoni ma kienetx volontarja";

Fix-xhieda tiegħu, il-Prokuratur Legali Giuseppe Pace Bonello, li ġie xjolt mill-vinkolu tas-sigriet professjonali (ara verbal fol. 11), xehed f'sens li sostanzjalment jammonta għal dan li ġej — l-imputat, x'ħin kelmu, ma kienx qiegħed jiċħad li ma kellux numru ta' nies iżjed minn dak permess mil-liġi, imma kien qiegħed jgħid li ma kienx jaf bihom. Għalhekk, dan il-prokuratur ħaseb li kien il-każ li jammetti, u mbgħad jagħti xi spjegazzjoni li l-imputat ma kienx jaf bil-passiġġieri eċċessivi. Fil-fatt id-difensur għamel ammissjoni inkondizzjonata, kif jidher mill-verbal. L-intenzjoni tal-imputat kienet li jikkontesta l-imputazzjoni fis-sens li jgħid li hu ma kienx jaf bl-erbgħa li telgħu żejda;

Ma hemmx għalfejn jingħad li, in línea ta' massima, l-ammissjoni hi ammissjoni tal-imputazzjoni, u li hu għalhekk konsiljabbli li, meta din l-ammissjoni tkun kwalifikata, kif kienet f'dan il-każ, allura d-difensur għandu jikkontesta l-imputazzjoni; għaliex iċ-ċirkustanzi kostitwenti l-kwalifika tal-ammissjoni jammontaw għal kontestazzjoni tal-imputazzjoni, u mhux għal ammissjoni. Għalhekk għandu jingħad li f'dan il-każ il-provi juru li l-imputat ma tax lill-Prokuratur Legali Pace Bonello l-inkarigu li jammetti l-imputazzjoni, anzi verament tah l-inkarigu li jokkontestaha, u li d-difensur ammetta bi żball. Il-provi, konsegwentement, għandhom jiġu valjati, għaliex fiċ-ċirkustanzi partikulari ta' dan il-każ ma toriġinax mis-suppposta ammissjoni dik il-"plena probatio" li normalment toriġina;

Fil-meritu;

L-imputat jippretendi li telgħu erbgħa ġuvnotti in eċċess tan-numru regolamentari kontra l-volontà tal-konduttur, u li hu ma kienx jaf b'xejn;

Ir-regolament relattiv — nru. 145 — jgħid hekk:— . . . . . . "The driver and conductor of a motor omnibus shall be held responsible that the number of passengers allotted to the omnibus be not exceeded";

Ma tantx jidher li l-kliem statutorji jippermettu l-ġustifikazzjoni tal-"ignorance or mistake of fact" (ara

Harris & Wilshere, Criminal Law, page 28). Imma, ankorkè kienu jippermettu akuża simili, f'dan il-każ il-bażi ta' din il-pretiża ġustifikazzjoni ma ġietx affattu assodata. Anzi kien hemm ċirkustanzi li jinfiċjaw għal kollox il-versjoni tal-appellant u tal-kondutur tiegħu .........;

Għalhekk is-sentenza appellata hi konfermata u l-appell hu miċħud. Is-sospensjoni tibda tgħodd minn nhar it-Tnejn li ġej, 24 tax-xahar ta' Novembru 1958.